20 ta' April, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D

Eric C. Mizzi, Ph.C. *versus* Thomas Farrell

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ordinanza XVI ta' l-1944 — Retroattività.**

*L-Ordinanza XVI ta' l-1944 ma għandhiex forza retroattiva, u għalhekk ma tistax tiġi applikata għaż-żmien ta' qabel il-promulgazzjoni tagħha.*

Il-Qorti — Rat id-deċiżjoni tagħha tal-5 ta' Marzu 1945, mogħtija fuq rikors preżentat mill-imsemmi Farmaċista Mizzi kontra Thomas Farrell, fejn hemm rikapitulati d-domandi ta' l-attur u s-sentenza tal-Board li jirregola l-Kera, u fejn ġiet respinta l-eċċezzoni ta' l-inappellabilità sollevata mill-imsemmi Farrell;

Semgħet id-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent talab illi l-kera tal-post nru. 8, Strait Street, Cospicua, jiġi mit-13 ta' April 1944 awmentat minn £12 għal £20 fis-sena. Il-Board bid-deċiżjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 1944 ċaħad it-talba u rriżerva d-dritt lir-rikorrent li jagħmel talba oħra jekk jirripristina l-fond għall-istat li kien qabel, peress li għandu kamra mwaqqa' għal kollox; u dan għaliex, skond il-kriterji stabbiliti mill-Ord. XVI ta' l-1944, il-membri tekniċi rrelataw li l-kera xieraq huwa ta' £6. 5. 0;

Ir-rikorrent jilmenta minn din is-sentenza għaliex il-Board iddeċieda fuq dak li ma ntalabx, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Board hija "extra petita". Ir-rikorrent jidhirlu wkoll li l-kera tad-djar ma jistax jinżel qatt aktar minn dak reġistrat fil-kotba tal-Land Valuation Office fl-1933, vwoldiri aktar minn £12 fis-sena;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġie ritenut f'każi reċentissimi minn dina l-Qorti, ma hemmx fl-Ordinanza XVI ta' l-1944 l-ebda dispożizzjoni li tagħti lill-istess Ordinanza forza retroattiva, u għalhekk hija ma tistax tiġi applikata ħlief għaż-żmien wara d-data tal-promulgazzjoni tagħha. Fil-każ preżenti, ir-rikors ta' Mizzi ġie ippreżentat fid-29 ta' Marzu 1944, u għalhekk dik il-liġi, kif isostni l-appellant, mhix applikabili għad-domanda tiegħu sat-2 ta' Ottubru 1944;

Illi però, għalkemm il-Board bid-deċiżjoni tiegħu rraġuna in bażi għall-kriterji ta' l-istess Ordinanza, u qal li l-kera jmissu jkun ta' £6. 5. 0 għaliex il-fond għandu kamra mwaqqa' għal kollox, huwa ma ordnax ir-riduzzjoni, imma ċaħad biss it-talba u ġie riżervat lir-rikorrent jitlob ir-reviżjoni tal-kera jekk jirripristina l-fond għall-istat li kien qabel;

Illi però, il-Board ma setax japplika l-kriterju tal-liġi l-ġdida għall-perijodu bejn it-13 ta' April 1944, ġurnata minn meta l-awment ġie mitlub, u t-2 ta' Ottubru 1944, ġurnata meta bdiet isseħħ il-liġi l-ġdida, u għalhekk għal dak il-perijodu l-kriterju tal-liġi l-ġdida huwa inapplikabili, u għandhom ikunu applikati dawk tal-liġi l-qadima, apparti l-kwistjoni jekk skond dawn il-kriterji l-appellant għandux jew le dritt għal dak l-awment minnu mitlub, ħaġa li għandha tiġi eżaminata mill-Board, dejjem għall-perijodu fuq imsemmi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tar-rikorrent f'dan is-sens limitat, u in riferenza għall-perijodu fuq imsemmi tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell; u għal dan il-fini tordna illi l-proċess ikun rinvijat quddiem il-Board biex tkun eżaminat it-talba tar-rikorrent in riferenza għal dak il-perijodu in bażi għal-liġi antika, Ord. XXI ta' l-1931, u tirrespinġi l-appell għall-kumplament. Tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell barra minn dawk diġà maqtugħa bis-sentenza tal-5 ta' Marzu 1945, ma jiġux taxxati; id-dritt tar-reġistru relativ jitħallas mill-appellat.